KUNSILL LOKALI
**MOSTA**
LOCAL COUNCIL

# MINUTI
## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Mosta
## Seba LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 42 Tnejn 15 ta' Mejju 2017

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fit- 8:00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Ivan Bartolo – Sindku
Keith Cassar-Viċi Sindku
Alex Muscat – Kunsillier
Gianluca Busuttil- Kunsillier
Angele Rapa – Kunsillier
Karl Tanti – Kunsillier
Mark Micallef Costa – Kunsillier
Francis Deguara – Kunsillier
James Cassar – Kunsillier
Maria Pia Bonnici- Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Maria Pia Bonnici- Kunsillier
Mario Sammut – Kunsillier

ASSENTI
Rachel Tua – Kunsillier
Joseph Gatt – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Lorraine Templeman – Segretarju Eżekuttiv

Minuti
Is-Sindku Ivan Bartolo ippresjeda l-laqgħa.

42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta u qara l-ittri ta' apoloġiji u l-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġiji.

Il-Kunsilliera, ħadu deċizjoni li jrid jkun hemm sett ta' regolamenti biex ittri ta' apoloġiji jiġu aċċetati. Għalhekk il-kunsilliera leħqu kunsens u qablu unanimament li l-ittri ta' apoloġiji li jiġu aċċetati huma dawn:

- Mard - li jrid jiġi preżentat kopja ta' ċertifikat.
- Safar - li jrid jiġi preżentat kopja ta' l-*eticket.*
- Xogħol – li jrid jiġi preżentat ittra mingħand l'*employer.* F'każ ta' xi kunsillier li jkun *self-employed,* l'ittra ta' apoloġija tiġi diskussa u deċiza jekk tiġiex aċċetata dak in-nhar tal-laqgħa.
- F'kaz ta' eċċezjonijiet, l'ittra ta' apoloġija tiġi diskussa u deċiza jekk tiġiex aċċetata dak in-nhar tal-laqgħa.

## 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 40 u 41

42.2.1 Punti mqajma mil-minuti Nru. 41.2.3
Il-Viċi Sindku Keith Cassar staqsa jekk irċevejnhiex *quotes* fuq *tarmac* u *concrete imprint.* Is-Segretarju Eżekuttiv, spjegat li għad qed tistenna mil-Perit tal-Kunsill, għax *suppliers* xorta ma jistawx jaqbdu u jibgħatu *quote,* peres li jrid jiprovdi l-qisien il-Perit tal-Kunsill, peres li s-*suppliers* ma jeħdux il-kejl huma, aparti li ġieli l'anqas jeħduħ sew il-kejl.

42.2.2 Triq Palazz ta' Kaspru u Triq Sta, Margerita.
Is-Sindku Ivan Bartolo informa lil kunsilliera li Transport Malta, issuġerew li ssir *speed bump* u mera. Il-Viċi Sindku Keith Cassar talab kopja ta' l'approvazzjoni li irċevejna min Transport Malta.

42.2.3 Korrispondenza – *Clothes Bank.*
Il-Kunsilliera qablu li titpoġġa waħda fi Triq Sta. Margerita fejn il-*Bus Stop* fil-pjazza, u oħra fil-pjazza 16 ta' Settembru.

42.2.4 Korrispondenza – SAMB/38/2014 Request for formal investigation GreenMT
Il-Kunsillier Alex Muscat staqsa jekk kienx hemm *update.* Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li daħlu fija id-DLG u qed jinvestagaw. Id-DLG talab il-kunsill għal xi dokumenti relatati ma dan il-kaz, u dawn ġew mgħoddija lid-Dipartiment.

## 42.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku /Korrispondenza

### 42.3.1 Korrispondenza -Talba re Xelter tal-Pjazza

Is-Sindku qara' l-ittra mingħand is-Soċjeta Piroteknika 15 ta' Awissu, fejn talbu biex ix-xelter li huwa patrimonju Mosti, ma jibqax mitluq, u jitgawda sia mil-Mostin, kif wkoll Maltin u turisti li jiġu jżuru 'l-Mosta. Għalhekk talbu biex dan jgħaddi f'idejn is-Soċjeta Piroteknika 15 ta' Awissu biex jkunu jistaw jikkuraw dan ix-xelter ħalli jinfetaħ u jitgawda iktar ta' spiss.

Il-Kunsilliera talbu li ssir laqgħa mas-soċjeta u l'avukat tal-kunsill, biex tiġi diskussa aktar din il-proposta.

### 42.3.2 Korrispondenza – Regjun Tramuntana Call Centre Proposal

Il-Kunsilliera ma qablux li jiġi ffirmat il-*Call Centre Proposal.*

### 42.3.3 Korrispondenza – Triq Il-Bużbież

Is-Sindku qara' l-ittra, u 'l kunsilliera qablu li napplikaw għal *parking bays* ma Transport Malta, pero' mhux għal *residential timed parking* peress li sistema ta *timed parking* għalissa huma sospizi madwar Malta u mhux qed jiġu kkonsiderati minn Transport Malta.

### 42.3.4 Kommunikazzjoni – Flus li 'l Kunsill irċeva mil-LESA

Is-Sindku nforma lil-Kunsilliera fejn attenda laqgħa ta' kif ġew imqasmin il-flus ta' persentaġġ fuq ċitazjonijiet. Bħala Kunsill il-Mosta ingħata s-somma ta' €9088.05 . Is-Sindku talab biex dawn il-fondi jintużaw għal attivitajiet kulturali ta' Jum Il-Mosta u l-attivita ta' Qara għasel. Il-Kunsilliera qablu unanimament.

### 42.3.5 Kommunikazzjoni – Ħuġġieġa ta' San Ġwann

Is-Sindku nforma li din l'attivita mhux ħa ssir. Waħda mir-raġunijiet hija li hija kontra l-liġi li taħraq, jew tagħmel *bonfires.* Għalhekk kul għaqda jew kumpanija li sponsorja din l-attivita', ħa jiġu nfurmati li lis-*sponsor* tagħhom ħa jintuża f'attivita oħra, il-festa ta' l-għasel fi 15 ta' Settembru.

Il-Kunsillier Karl Tanti nforma lil kunsilliera, li saret l'applikazzjoni għal fondi mil-*Culture Fund,* biex issir l'attivita tal-għasel kif wkoll tal-qaraħmar. Il-Kunsill applika għal fond massimu ta' €15,000 Ewro, u għandna nirċievu dalwaqt jekk l'applikazjoni ġietx milqugħa.

## 42.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 42.4.1 Ġnien Kevin Vella

Il-Kunsillier Alex Muscat saqsa jekk nafux jekk il-PAMA diġa applikatx għal permessi. Is-Sindku nforma li kien hemm xi affarijiet żgħar li weħilna mas-CRPD (*Commission for the*

*Rights of Persons with Disability*). Pero' ġew *updated* il-pjanti u hemm xi dettalji żgħar oħra li daqt jiġu *updated* wkoll, biex nkunu nistaw inmexxu.

## 42.5 Rapporti - Tat-Tarġa Battery

Il-Viċi Sindku Keith Cassar nforma lil kunsilliera li l-iscouts ltaqaw mas-Segretarju Parlamentari Ian Borg, biex jidireġihom x'fondi jistaw japplikaw għalihom. Id-direzjoni li ngħatat mis-Segretarju Parlamentari hija li japplikaw għal *Good Causes Fund,* fejn jistaw japplikaw l-iscouts peress li 'l kunsill ma jistax japplika għal dan il fond.

Il-Viċi Sindku Keith Cassar nforma lil kunsilliera li l'applikazzjoni saret u qed jistennew li tiġi evalwata. Sar wkoll *meeting* mal-Planning Authority fuq ir-restawr li jista jsir f'tat Tarġa Battery, fejn tali applikazjoni trid tiġi mressqa mil-Perit tal-Kunsill. Għal tali permess m'hemx spejjes peress li huwa wirt storiku.

Il-Kunsilliera ġew infurmati li t-tindif lest, u beda xogħol ta' dawl, kif wkoll qed jsiru attivitajiet regolari. Il-Viċi Sindku stieden lil kunsilliera kollha biex jgħaddu jżuru tat-Tarġa Battery, għalhekk għandha tinftiehem data għal din iż-żjara.

## 42.5.1 Rapporti - Deċiżjoni fuq l-Immaniġġjar tal-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta

Il-Kunsillier Alex Muscat nforma lil kunsilliera li 'l kunsill jrid jieħu deċizjoni fuq l-Immaniġġjar tal-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta, pero' għat ma laqqgħax li *stakeholders.* Ix-xogħol miexi fejn tħawlu xi siġar, kif wkoll ħareġ it-tender fuq il-pavimentar.
Fi prinċipju diġa kien hemm qbil li jsir *agreement* ma l'MCAST, pero' li issa 'l-ġnien ħa jiġi żvilluppat il-kunsill jrid jiddeċiedi jekk hux ħa nitolbu iktar bħala *fee.* Is-Sur Debono (MCAST), nforma lil Kunsillier Alex Muscat li jista jkun l'MCAST jagħmel espansjoni żgħira tal-bini peress li qed jiżdiedu l-istudenti. Il post fiħ potenzjal, u opzjoni oħra hija *commercialization* u nagħmlu PPP.

Il-Kunsillier Alex Muscat nforma wkoll li fil-*budget* li għadda ġew msemmija żewġ ġonna, Ġnien l-Għarusa tal-Mosta u Ġnien Dom Mintoff f'Raħal 'l-Ġdid, fejn il-flus għal Ġnien l-Għarusa tal-Mosta suppost ħa jirdopja peress li Ġnien Dom Mintoff f'Raħal 'l-Ġdid, ħa jsir min fond ieħor. Għalhekk il-proġett ta' tisbieħ ħa jibqa għaddej, u meta jitlesta il-proġett irridu niddiskutu xi jrid jagħmel il-Kunsill fuq l-Immaniġġjar.

## 42.5.2 Rapporti – Sta. Margerita applikazzjoni għal-*boundary wall.*

Is-Sindku Ivan Bartolo nforma lil kunsilliera li flimkien mal-Kunsillier Frans Deguara ltaqaw ma grupp ta' nies fejn huma nkwetati ħafna bil-*boundary wall,* u talbu li ssir *press conference* flimkien mal-Kunsill bħala *support.* Bħala *objectors* ir-residenti qed jistaqsu għalhiex ma ġewx infurmati, kif wkoll l'anqas il-Kunsill. Dan iriżulta għal fatt li

l-*owner* għamel applikazzjoni ġdida għal DNO, allura din tiġi bħala applikazzjoni differenti. Għalissa jidher li mhux se jitella il-*boundary wall* għax il-Planning Authority għad trid toħroġ il-linji. Il-Kunsill qabel illi jkun parti mil-protesta mar-residenti ta' Sta' Margerita bħala *support.*

**42.5.3 Rapporti – LIDL roundabout Triq Id-Difiża Ċivili.**

Is-Sindku Ivan Bartolo talab biex nerġaw nitkelmu mas-sidien tal-LIDL.

**42.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**42.6.1 Skeda ta' pagamenti**
Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**42.6.2 Purchase Orders**
Il-purchase orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**42.6.3 Works Orders**
Il-works orders ġew diskussi u approvati unanimament.

**42.6.4 Petty Cash**
Il-petty cash ġew diskussi u approvati unanimament.

**42.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fid-9:30 p.m. u ġiet aġġornata għat- 23 ta' Mejju fis-7.30 p.m.

Konfermati llum 15.05.2017.

Ivan Bartolo
Sindku

Lorraine Templeman
Segretarju Eżekuttiv